

Il-Ġurnal Uffiċjali C 206 A

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 65

23 ta' Mejju 2022

Werrej

V Avviżi

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 206 A/01	L-Impriża Konġunta Ewropa b'Bażi Bijoloġika (CBE JU, Circular Bio-based Europe Joint Undertaking) — Publikazzjoni ta' post battal għall-kariga ta' Direttur Eżekuttiv (Aġent Temporanju — Grad AD 14) — COM/2022/20077	1
2022/C 206 A/02	Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti (SNS JU, Smart Networks and Services Joint Undertaking) — Il-publikazzjoni ta' post vakanti għall-kariga ta' Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta SNS (Aġent Temporanju — Grad AD 14) — COM/2022/20078	7
2022/C 206 A/03	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ("eu-LISA") — Publikazzjoni ta' post battal għall-kariga ta' Direttur Eżekuttiv (Aġent Temporanju — Grad AD 14) — COM/2022/20079	12

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

L-Impriża Konġunta Ewropa b'Bażi Bijoloġika (CBE JU, Circular Bio-based Europe Joint Undertaking)**Pubblikazzjoni ta' post battal għall-kariga ta' Direttur Eżekuttiv****(Aġent Temporanju — Grad AD 14)****COM/2022/20077**

(2022/C 206 A/01)

Min aħna

L-impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika (CBE JU), li nħolqot bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 ⁽¹⁾, hija sħubija pubblika-privata bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Konsorzju tal-Industrija b'Bażi Bijoloġika (BIC, Bio-based Industry Consortium) li għandha l-għan li tappoġġa l-innovazzjoni xprunata mis-sostenibbiltà fil-ħolqien ta' valur lokali ġdid mill-iskart u l-bijomassa. Se tiffoka fuq l-għajnuna biex jiġu żviluppati teknoloġiji sostenibbli u newtrali għall-klima u biex ir-riżorsi fossili u minerali mhux rinnovabbli jiġu ssostitwiti mill-bijomassa u mill-iskart biex jinkisbu prodotti u nutrijenti rinnovabbli. L-impriża Konġunta CBE tissuċċedi u tissostitwixxi l-Impriża Konġunta tal-Industrija b'bażi Bijoloġika (BBI JU, io Based Industries Joint Undertaking) stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014 ⁽²⁾.

Is-CBE JU bihsiebha:

- iżżid iċ-ċirkolarità tas-sistemi b'bażi bijoloġika billi jiġu żviluppati soluzzjonijiet ċirkolari, favur il-klima u l-ambjent fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti b'bażi bijoloġika mill-akkwist sal-ipproċessar sal-applikazzjonijiet fis-suq u l-konsum.
- tiżviluppa u tespandi s-sorsi u l-użu sostenibbli tal-materja prima, inklużi r-residwi bijoloġiċi, il-flussi sekondarji u l-flussi tal-iskart minn, pereżempju, l-agrikoltura, l-akkwakultura u s-sajd, il-forestrija, l-industrija u s-setturi muniċipali.
- tappoġġa l-iżvilupp ta' metodi ġodda, aktar effiċjenti u li jniġġsu inqas għall-konverżjoni tal-bijomassa fi prodotti b'bażi bijoloġika permezz ta' teknoloġija tal-ipproċessar tal-bijoraffineriji f'bosta livelli.
- toħloq ktajjen ta' valur ċirkolari ġodda għal prodotti b'bażi bijoloġika u l-esplorazzjoni ta' swieq ġodda.
- tappoġġa li jingħata nifs ġdid fir-reġjuni rurali u l-iżvilupp ta' reġjuni rurali, kostali u periferiċi permezz tal-iżvilupp ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi xierqa, u l-involvement u l-għoti tas-setgħa lill-atturi lokali tal-bioekonomija.

Is-CBE JU se timmobilizza riżorsi sinifikanti mis-settur pubbliku u privat meħtieġa biex tilħaq l-oġġettivi tagħha u se timplimenta baġit sa EUR 2 biljun. Se jkollha madwar 30 membru tal-persunal. Aktar informazzjoni dwar is-CBE JU tinstab fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085, b'mod partikolari fl-Artikoli 46-56 tas-CBE JU, kif ukoll fuq is-sit web <https://www.cbe.europa.eu>

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014 (ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17).

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014 tas- 6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika, Test b'relevanza għaż-ŻEE, (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 130).

X'qed nipproponu

Id-Direttur Eżekuttiv huwa r-rappreżentant(a) legali tal-Impriża Konġunta. Min jieħu din il-pożizzjoni għandu/għandha jwettaq/twettaq il-inkarigi tiegħu/tagħha b'mod indipendenti, u jwieġeb/twieġeb lill-Bord ta' Tmexxija. Għandu/għandha jipprovdi/tipprovdi tmexxija u direzzjoni fl-attivitajiet kollha tal-Impriża Konġunta tas-CBE u jkun/tkun fundamentali biex jiġi żgurat l-involvement tal-persunal u l-promozzjoni ta' ambjent tax-xogħol pożittiv u b'saħħtu.

Id-Direttur Eżekuttiv se jieħu/tieħu r-responsabbiltà ġenerali għall-operazzjonijiet tal-Impriża Konġunta tas-CBE, inkluża l-implimentazzjoni tal-baġit u l-iżgurar tal-kisba tal-oġġettivi tal-Impriża Konġunta.

Id-Direttur Eżekuttiv se jkun/tkun responsabbli mill-ġestjoni ta' kuljum tal-Impriża Konġunta CBE f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija, u għandu/għandha jiġi/tiġi fdat(a), fost l-oħrajn, bil-kompiti li ġejjin:

- iħejji/tħejji u jippreżenta/tirrappreżenta dokumenti ewlenin bħall-abbozz tal-baġit annwali u l-pjan ta' stabbiliment tal-persunal, il-programm ta' ħidma, ir-rapport annwali konsolidat tal-attività lill-Bord tat-Tmexxija;
- jaġixxi/taġixxi bħala interfaċċja bejn is-CBE JU u b'mod partikolari, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u korpi oħra tal-Unjoni u sħubijiet Ewropej. Għandu/għandha tkun responsabbli wkoll mill-koordinazzjoni tal-interazzjoni u l-informazzjoni meħtieġa tal-korpi kollha tas-CBE JU;
- jissorvelja/tissorvelja s-sejħiet għal proposti, il-proċessi ta' ġestjoni u evalwazzjoni tagħhom u l-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja għal proposti magħżula;
- jimplimenta/timplimenta l-politika ta' komunikazzjoni tal-Impriża Konġunta;
- jissorvelja/tissorvelja s-sistema ta' kontroll intern tal-Impriża Konġunta CBE u tal-valutazzjonijiet tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju tagħha, filwaqt li jkun/tkun responsabbli b'mod ġenerali li mill-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni fil-kuntest tal-operazzjonijiet tagħha;
- jaħtar/taħtar u jissorvelja/tissorvelja l-persunal tas-CBE JU filwaqt li jrawwem spirtu ta' tim u ta' ambjent tax-xogħol tajjeb.

Deskrizzjoni aktar iddettaljata tal-kompiti tinsab fir-Regolament (UE) 2021/2085. Is-CBE JU ħadet post u ħadet f'idejha l-attivitajiet tal-predeċessor tagħha l-BBI JU fit-30 ta' Novembru 2021 u għalhekk, il-kompiti tad-Direttur Eżekuttiv tas-CBE JU se jkopru wkoll l-attivitajiet li għadhom għaddejjin tal-BBI JU.

Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Bord tat-Tmexxija li jinkludi rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea u mill-assoċjazzjoni tal-industrija, id-Direttur Eżekuttiv għandu/għandha jassumi/tassumi r-responsabbiltà sħiħa tal-kompiti fdati lill-Impriża Konġunta u għandu/għandha jkun/tkun soġġett (a) għall-proċedura ta' kwittanza annwali mill-Parlament Ewropew għall-implimentazzjoni tal-baġit.

X'qegħdin infittxu (il-kriterji għall-għażla)

Id-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta jenħtieġ/tenħtieġ li jissodisfa/tissodisfa l-kriterji tal-għażla li ġejjin:

- *Ħiliet ta' ġestjoni:*
 - il-kapaċità li jiżviluppa/tiżviluppa, jikkomunika/tikkomunika u jwettaq/twettaq viżjoni u strateġiji li jħarsu 'l quddiem, li jistabbilixxi/tistabbilixxi l-prijoritajiet u jimplimenta/timplimenta l-oġġettivi strateġiċi tal-Impriża Konġunta;
 - kisbiet b'saħħithom bħala mexxej, maniġer u komunikatur, li jinvolvu l-ġestjoni ta' timijiet u riżorsi finanzjarji flivell proporzjonat man-natura tal-Impriża Konġunta,
 - il-kapaċità li jmexxi/tmexxi, jieħu/tieħu ħsieb, jimmaniġġja/timmaniġġja, u jimmotiva/timmotiva tim li jinkludi kemm persunal amministrattiv kif ukoll tekniku f'kuntest Ewropew, multikulturali u multilingwi;
 - ikollu/ikollha kapaċitajiet tajbin ħafna fit-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluża l-kapaċità li jikseb/tikseb riżultati fi skadenzi stabbiliti u b'baġit fiss.
- *Ħiliet u esperjenza speċjalizzati:*
 - fehim eċċellenti tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-bijoekonomija u l-ktajjen tal-valur tagħha, b'mod partikolari tar-riċerka u l-innovazzjoni industrijali u tal-isfidi għall-użu ta' soluzzjonijiet b'bażi bijoloġika;

- għarfien ta' programmi ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni reġjonali, nazzjonali, intergovernattivi u/jew Ewropej;
- esperjenza ppruvata fil-kollaborazzjoni bejn partijiet ikkonċernati differenti fir-riċerka u innovazzjoni fil-qasam tas-saħħa, bħal fil-kollaborazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademja;
- għarfien tajjeb tal-istituzzjonijiet Ewropej, kif joperaw u kif jaħdmu bejniethom kif ukoll tal-politiki tal-UE u tal-attivitajiet internazzjonali rilevanti għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta jkun ta' vantaġġ;
- esperjenza fit-trasferiment tat-teknoloġija, fil-privattivi, fl-istandardizzazzjoni, fl-innovazzjoni miftuħa, fil-pubblikazzjoni ta' dokumenti (akkademiċi), fin-negozjati kuntrattwali jkunu ta' vantaġġ.
- *Kwalitajiet personali:*
 - il-kapaċità li jikkomunika/tikkomunika b'mod mexxej u effettiv u li jibni/tibni relazzjonijiet ta' ħidma tajbin ma' diversi partijiet ikkonċernati interni u esterni;
 - kapaċitajiet interpersnali eċċellenti u ta' networking, sens ta' responsabbiltà l-kapaċità li jieħu/tieħu azzjoni b'ħila, b'sensittività politika u b'diplomazija;
 - livell għoli ta' reżiljenza;
 - esperjenza soda marbuta ma' negozjar f'ambjent internazzjonali.

Kundizzjonijiet essenzjali (ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà)

Il-kandidati se jiġu kkunsidrati biss għall-fażi tal-għażla abbażi tar-rekwiżiti formali li ġejjin, li jridu jiġu ssodisfati **sal-iskadenza għall-applikazzjonijiet:**

- *Nazzjonalità:* il-kandidati jridu jkunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
- *Lawrja jew diploma universitarja:* il-kandidati jrid ikollhom:
 - livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji li tlestew, iċċertifikati b'diploma b'perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja ta' erba' snin jew aktar,
 - inkella livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma u ċċertifikati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali ta' edukazzjoni universitarja jkun ta' mill-inqas tliet snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza professjonali ta' wara l-lawrja rikjesta hawn taħt).
- *Esperjenza professjonali:* il-kandidati jrid ikollhom mill-inqas 15-il sena esperjenza postgradwatorja professjonali ⁽³⁾ flivell li jagħtu aċċess għalih il-kwalifiki msemmija hawn fuq (mill-inqas 5 snin minn dik l-esperjenza professjonali trid tkun fil-qasam tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta).
- *Esperjenza maniġerjali:* mill-anqas ħames snin mill-esperjenza professjonali postgradwatorja jridu jkunu nkisbu f'funzjoni ta' ġestjoni ta' livell għoli ⁽⁴⁾ f'qasam li huwa rilevanti għal din il-kariga.
- *Lingwi:* il-kandidati jrid ikollhom għarfien tajjeb haġna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁵⁾ u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra minn dawn il-lingwi uffiċjali. Waqt l-intervista/i, il-bordijiet tas-selezzjoni se jivverifikaw jekk il-kandidati jikkonformawx mar-rekwiżit ta' għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE. Dan jista' jinkludi li l-intervista, jew parti minnha, issir f'din il-lingwa l-oħra.

⁽³⁾ L-esperjenza professjonali titqies biss jekk tkun tirrappreżenta relazzjoni ta' ħidma konkreta li tkun definita bħala ħidma reali u ġenwina, bi ħlas u bħala impjegat (kull tip ta' kuntratt) jew fornitur ta' servizz. L-attivitajiet professjonali li jkunu saru fuq bażi part-time għandhom jiġu kkalkulati pro rata, abbażi tal-perċentwal iċċertifikat ta' sığhat full-time li jkunu nħadmu. Il-leave tal-maternità/parentali/għall-adozzjoni jitqies jekk ikun fil-qafas ta' kuntratt ta' xogħol. Id-dottorati (PhD) huma ttrattati bħala esperjenza professjonali, anki meta mhux bi ħlas, iżda għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin, dment li d-dottorat (PhD) ikun tlesta b'suċċess. Perjodu partikolari jista' jingħadd darba biss.

⁽⁴⁾ Għas-snin kollha li matulhom tkun inkisbet l-esperjenza maniġerjali, jenħtieġ li l-kandidati, fil-curriculum vitae tagħhom, jindikaw b'mod ċar: (1) il-kariga u r-rwol tal-pożizzjonijiet maniġerjali li kellhom; (2) l-għadd ta' persunal taħt ir-responsabbiltà tagħhom f'dawn il-pożizzjonijiet; (3) id-daqs tal-baġits ġestiti; (4) l-għadd ta' livelli ġerarkiċi superjuri u inferjuri; kif ukoll (5) l-għadd ta' kollegi fl-istess livell.

⁽⁵⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01958R0001-20130701>

— *Età massima*: il-kandidati jridu jkunu jistgħu jlestu l-mandat sħiħ ta' erba' snin qabel ma jilħqu l-età tal-irtirar, mill-mument tal-għeluq tal-applikazzjoni. Fil-każ tal-persunal temporanju tal-Unjoni Ewropea, l-età tal-irtirar hija definita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tagħlaq 66 sena (ara l-Artikolu 47 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea ⁽⁶⁾).

Għażla u haħra

Id-Direttur Eżekuttiv se jinħatar mill-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta abbażi ta' lista ristretta pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea. Il-proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti tirrispetta l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Sabiex tistabbilixxi din il-lista ristretta, il-Kummissjoni Ewropea torganizza għażla skont il-proċeduri tal-għażla u tar-reklutaġġ tagħha (ara d-Dokument dwar il-Politika dwar Uffiċjali Għolja ⁽⁷⁾).

Bħala parti minn din il-proċedura tal-għażla, il-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi bord ta' preselezzjoni li, f'konformità mar-Regolament li jistabbilixxi Impriża Konġunta, jkun jinkludi rappreżentant maħtur minn kull tip ta' membru għajr l-Unjoni tal-Impriża Konġunta, u osservatur wieħed maħtur mill-Bord ta' Tmexxija. Dan il-bord ta' preselezzjoni janalizza u jidentifika għadd ta' kandidati li jkollhom l-aħjar profil fid-dawl tal-kriterji tal-għażla msemmija hawn fuq, u li jkunu jistgħu jiġu mistiedna għal intervista mal-bord tal-preselezzjoni.

B'segwitu ta' dawn l-intervisti, il-bord tal-preselezzjoni jfassal il-konklużjonijiet tiegħu u jipproponi lista ta' kandidati għal intervisti oħra mal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Ħatriet (CCA, Consultative Committee on Appointments) tal-Kummissjoni Ewropea. Is-CCA, filwaqt li jqis il-konklużjonijiet tal-bord tal-preselezzjoni, jiddeċiedi dwar il-kandidati li għandhom jiġu mistiedna għal intervista.

Il-kandidati li jkunu msejja għal intervista mas-CCA jipparteċipaw għal ġurnata sħiħa f'ċentru ta' evalwazzjoni immexxi minn konsulenti tar-reklutaġġ esterni li jevalwaw il-ħiliet ta' ġestjoni. Is-CCA, filwaqt li jqis ir-riżultati tal-intervista u r-rapport taċ-ċentru ta' evalwazzjoni, jistabbilixxi lista qasira ta' kandidati li jikkunsidra xierqa biex jeżerċitaw il-funzjoni ta' Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta.

Il-kandidati fuq il-lista ristretta tas-CCA jiġu intervistati mill-Membri/i tal-Kummissjoni responsabbli għad-Direttorat Ġenerali inkarigat/i mir-relazzjonijiet mal-Impriża Konġunta. ⁽⁸⁾.

Wara dawn l-intervisti, il-Kummissjoni Ewropea tadotta lista ristretta tal-kandidati l-aktar xierqa, li tiġi kkomunikata lill-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta. Dan tal-aħħar jista' jiddeċiedi li jintervista l-kandidati qabel jaħtar id-Direttur Eżekuttiv minn fost il-kandidati fuq il-lista ristretta tal-Kummissjoni. L-inklużjoni fuq il-lista ristretta ma tiggarantixxi il-ħatra.

Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu iktar intervisti u/jew testijiet minbarra dawk indikati hawn fuq. Jistgħu jkunu meħtieġa wkoll li jagħmlu dikjarazzjoni quddiem il-kumitat(i) rilevanti tal-Parlament Ewropew.

Opportunitajiet indaqs

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Impriża Konġunta japplikaw politika ta' opportunitajiet indaqs u ta' nondiskriminazzjoni skont l-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal ⁽⁹⁾. Jintlaqgħu applikazzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għal aktar diversità, ugwaljanza bejn il-ġeneri u bilanċ ġeografiku ġenerali. Ir-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta skont Orizzont Ewropa jistipula speċifikament li l-proċedura tirrispetta l-prinċipju tal-bilanċ bejn il-ġeneri, u l-applikazzjonijiet minn kandidati nisa huma b'mod partikolari mħeġġa.

Kundizzjonijiet tal-impjeg

Is-salarji u l-kundizzjonijiet ta' impjeg huma stipulati fil-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra.

Id-Direttur Eżekuttiv se jinħatar mill-Bord ta' Tmexxija bħala Aġent Temporanju fil-grad ta' AD 14, skont l-Artikolu 2a u 10 tal-Kundizzjonijiet tal-impjeg ta' ħaddiema oħra tal-Unjoni Ewropea. Il-kandidat jiġi kklassifikat skont it-tul tal-esperjenza professjonali preċedenti tiegħu fil-pass 1 jew il-pass 2 f'dan il-grad.

⁽⁶⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140701>

⁽⁷⁾ https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/compilation-of-the-senior-official-policy-at-the-european-commission_en.pdf (teżisti biss bl-Ingliż)

⁽⁸⁾ Dment li l-Membri tal-Kummissjoni kkonċernat, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2007 (PV(2007) 1811) u tat-30 ta' Settembru 2020 (PV(2020) 2351), ma jkunx iddelega dan il-kompitu.

⁽⁹⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140701>

Il-kandidat magħżul jinħatar għal perjodu inizjali ta' erba' snin, bil-possibilità ta' estensjoni ta' tliet snin l-aktar.

L-applikanti jenħtieġ li jinnotaw ir-rekwiżit skont il-Kundizzjonijiet tal-Impjeg tal-Aġenti l-Oħra għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm perjodu ta' probation.

Il-post tal-impjeg huwa Brussell, fejn huwa bbażat is-CBE JU.

Il-post huwa disponibbli mill-1 ta' Ottubru 2022.

Indipendenza u dikjarazzjoni tal-interessi

Qabel jibda jaqdi/taqdi dmirijietu/dmirijietha, id-Direttur Eżekuttiv jintalab/tintalab jagħmel/tagħmel dikjarazzjoni ta' impenn li jaġixxi/taġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u li jiddikjara/tiddikjara kull interess li jista' jiġi kkunsidrat li jippreġudika l-indipendenza tiegħu/tagħha.

Proċedura tal-applikazzjoni

Qabel tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, jenħtieġ li tivverifika b'attenzjoni jekk tissodisfax ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà kollha (il-"Kondizzjonijiet essenzjali"), b'mod partikolari fir-rigward tat-tipi ta' diplomi, l-esperjenza professjonali ta' livell għoli kif ukoll il-kapaċità lingwistika meħtieġa. Jekk ma tissodisfax xi wieħed mir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà, dan ikun ifisser li se tiġi eskluż awtomatikament mill-proċedura tal-għażla.

Jekk tkun trid tapplika, trid tirreġistra permezz tal-Internet fuq is-sit web li ġej u ssegwi l-istruzzjonijiet li jirrigwardaw id-diversi stadji tal-proċedura:

<https://ec.europa.eu/dgs/human-rizorsi/seniormanagementvacancies/>

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan se jintuża biex tiġi kkonfermata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex jibqa' jsir kuntatt miegħek waqt l-istadji differenti tal-proċedura. Għaldaqstant nitolbuk iżżomm lill-Kummissjoni Ewropea informata bi kwalunkwe bidla fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħek.

Biex timla l-applikazzjoni tiegħek, trid ittella' CV f'format ta' PDF, preferibbilment fil-format tal-Europass CV⁽¹⁰⁾ u trid tikteb ittra ta' motivazzjoni online (massimu ta' 8 000 karattru). Is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni tiegħek jistgħu jintbagħtu bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ladarba tkun lestejt ir-reġistrazzjoni online tiegħek, se tirċievi ittra elettronika li tikkonferma li l-applikazzjoni tiegħek ġiet irreġistrata. **Jekk ma tircievix ittra elettronika ta' konferma, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!**

Jekk jogħġbok innota li mhuwiex possibbli li ssegwi l-progress tal-applikazzjoni tiegħek online. Il-Kummissjoni Ewropea tikkuntattja direttament rigward l-istat tal-applikazzjoni tiegħek.

Jekk tkun teħtieġ iktar informazzjoni u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi jekk jogħġbok ibgħat ittra elettronika lil: HR-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu.

Data tal-għeluq

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hija t-**13 ta' Ġunju 2022, 12.00 nofsinhar ħin ta' Brussell**, u wara din id-data ma jkunx iktar possibbli li tirreġistra.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li timla r-reġistrazzjoni online fil-ħin. Nagħtuk parir li ma tħallix għall-aħħar jem biex tapplika, minħabba li traffiku tal-Internet qawwi jew xi problema fil-konnessjoni tal-Internet tiegħek jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni online tiegħek ħesrem qabel ma tkun lestejtha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba jiskadi ż-żmien għas-sottomissjoni tar-reġistrazzjonijiet, l-ebda data ma tkun tista' tiddaħħal. Ir-reġistrazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Informazzjoni importanti għall-kandidati

Il-kandidati huma mfakkra li x-xogħol tal-bordijiet differenti tas-selezzjoni huwa kunfidenzjali. Il-kandidati ma jstgħux jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri individwali tagħhom u dan lanqas ma jista' jsir fisimhom minn ħaddieħor. Il-mistoqsijiet kollha għandhom jiġu indirizzati lis-segretarjat tal-bord rilevanti.

⁽¹⁰⁾ Tista' ssib informazzjoni dwar kif toħloq is-CV tal-Europass tiegħek online fuq: <https://europa.eu/europass/mt/create-europass-cv>

Il-protezzjoni tad-data personali

Il-Kummissjoni se tiżgura li d-data personali tal-kandidati tkun ipproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾. Dan b'mod partikolari japplika għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' tali *data*.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti (SNS JU, Smart Networks and Services Joint Undertaking)**Il-pubblikazzjoni ta' post vakanti għall-kariga ta' Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta SNS****(Aġent Temporanju — Grad AD 14)****COM/2022/20078**

(2022/C 206 A/02)

Min aħna

L-impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti (SNS JU) hija waħda mis-sħubijiet Ewropej fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085⁽¹⁾, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta". Hija mibnija fuq żewġ pilastr: ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-ambitu tal-programm Orizzont Ewropa dwar it-teknoloġiji u s-sistemi għal Networks u Servizzi Intelliġenti lejn il-6G, u l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet ta' varar tal-5G iffinanzjati minn programmi ta' finanzjament Ewropej jew nazzjonali. Is-sħubija hija kruċjali biex jiġu żgurati l-kapaċitajiet teknoloġiċi Ewropej f'dawn l-oqsma, f'konformità mal-istrateġija industrijali tal-UE u s-sett ta' għodod taċ-ċibersigurtà 5G. F'dan il-kuntest, għan ieħor tagħha huwa li tippermetti lill-atturi Ewropej jiżviluppaw il-kapaċitajiet teknoloġiċi għas-sistemi 6G bħala bażi għal servizzi diġitali futuri lejn l-2030. Il-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli mill-ħolqien u l-operat inizjali tal-Impriża Konġunta SNS sakemm din issir awtonoma, jiġifieri l-uffiċċju tal-Impriża Konġunta jkun kompletament funzjonali u s-servizzi ta' appoġġ meħtieġa jkunu fis-seħħ kollha kemm huma, li huwa mistenni għall-bidu tal-2023.

Inizjalment il-pjan huwa li l-impriża Konġunta SNS jkollha total ta' 16-il membru tal-persunal minbarra d-Direttur Eżekuttiv.

X'qed nipproponu

Id-Direttur Eżekuttiv huwa/hija l-kap eżekuttiv responsabbli mill-ġestjoni tal-Impriża Konġunta.

Huwa/hija r-rappreżentant/a legali tal-Impriża Konġunta u jkollu/jkollha r-responsabbiltà ġenerali tal-operazzjonijiet tagħha inkluża l-implimentazzjoni tal-baġit, kif ukoll jiżgura l-koordinazzjoni bejn il-korpi u s-servizzi differenti tal-Impriża Konġunta SNS, li jinkludu l-uffiċċju tal-Impriża Konġunta stess, il-Bord ta' Tmexxija, il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati u l-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati. Bħala tali, ikollu/ikollha rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-SNS JU, li huma kritiċi għall-kompetittività tal-Ewropa f'dan il-qasam.

Huwa/hija jwettaq/twettaq il-kompiti tiegħu/tagħha b'indipendenza u se jkun/tkun tirrapporta direttament lill-Bord tat-Tmexxija, li huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u tas-settur privat.

It-tnejn li huma se jiżguraw is-sorveljanza tal-aġenda strateġika tal-Impriża Konġunta SNS kif miftiehem mal-Bord tat-Tmexxija u se jieħdu d-deċiżjonijiet ta' kuljum. Dan tal-aħħar jinkludi, b'mod partikolari, l-organizzazzjoni, l-immaniġġjar u s-sorveljanza tal-operazzjonijiet u l-persunal tal-Impriża Konġunta SNS f'konformità mar-Regolament li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta. Huwa/hija se jistabbilixxi/tistabbilixxi kuntatti u jaħdem/taħdem mill-qrib mar-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u l-membri tal-Impriża Konġunta SNS (il-Kummissjoni u l-Membri/i Privat) (i) kif ukoll il-korpi konsultattivi tal-SNS JU).

Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta, ir-responsabbiltajiet tad-Direttur Eżekuttiv se jinkludu, fost l-oħrajn:

- tiġi żgurata l-ġestjoni sostenibbli u effiċjenti tal-impriża konġunta u l-implimentazzjoni effiċjenti tal-programm ta' ħidma;
- It-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-abbozz tal-Programm ta' Ħidma tal-SNS JU inkluż l-abbozz tal-baġit annwali u l-abbozz tal-pjan ta' stabbiliment tal-persunal u dokumenti oħra ta' livell għoli bħall-kontijiet annwali u r-rapport annwali konsolidat tal-attività, biex jiġu adottati mill-Bord ta' Tmexxija;
- Tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni tal-Impriża Konġunta SNS, inkluż it-tħejjija tal-programmi ta' ħidma tar-R&Ż, il-koordinazzjoni tal-proċedura ta' adozzjoni tagħha f'kooperazzjoni mill-qrib mal-korpi konsultattivi tal-Impriża Konġunta, it-tnedija ta' sejħiet għal proposti, it-twettiq ta' evalwazzjonijiet tal-proposti, l-iffirmar ta' ftehimiet u deċiżjonijiet ta' għotja individwali fisem l-impriża konġunta, u t-twettiq ta' monitoraġġ tal-proġetti;

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014 (ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17).

- Il-monitoraġġ tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji u in natura tal-membri għajr tal-membri tal-Unjoni u tas-sħab kontribwenti, ir-rapportar regolari lill-bord ta' tmexxija dwar il-progress fl-ilħuq tal-miri u t-tfassil ta' proposti għal miżuri ta' rimedju jew korrettivi, fejn meħtieġ;
- Il-koordinazzjoni tal-aġġornamenti regolari tal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni (SRIA) kif ukoll l-Aġendi ta' Varar Strateġiku rilevanti f'kooperazzjoni stretta mal-membri privati, il-korpi konsultattivi tal-SNS JU u l-partijiet ikkonċernati rilevanti;
- Il-ħolqien kollaborazzjoni formali u regolari mas-sħubijiet Ewropej identifikati fl-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni u f'konformità mal-orjentazzjoni strateġika pprovduta mill-Bord ta' Tmexxija;
- L-għoti regolari ta' informazzjoni lill-korpi l-oħra tal-impriża konġunta dwar il-kwistjonijiet kollha rilevanti għar-rwol tagħhom u l-interazzjoni mal-konfigurazzjoni rilevanti tal-Kumitat tal-Programm Orizzont Ewropa kif meħtieġ;
- L-iżgurar li l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-progress tal-oġġettivi tal-SNS JU bbażati fuq indikaturi tal-impatt rilevanti;
- L-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-Impriża Konġunta SNS;
- L-iffirmar ta' kuntratti ta' akkwist fisem l-SNS JU;
- Il-ħolqien ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti u l-iżgurar tal-funzjonament tagħha u r-rapportar ta' kwalunkwe tibdil sinifikanti fiha lill-Bord ta' Tmexxija.

X'qegħdin infittxu (il-kriterji tal-għażla)

Jenħtieġ li l-kandidati jissodisfaw il-kriterji tal-għażla li ġejjin:

- *Ħiliet fl-immaniġġjar:*
 - Il-ħila li jmxxi/tmexxi u jimmotiva/timmotiva tim li jinkludi l-persunal amministrattiv, finanzjarju u tekniku, f'ambjent Ewropew multikulturali u multilingwi.
 - Esperjenza fil-ġestjoni ta' riżorsi finanzjarji sinifikanti f'kuntest nazzjonali, Ewropew u/jew internazzjonali u li jinvolvi finanzjament minn sorsi pubbliċi.
 - Esperjenza fil-ġestjoni ta' programmi ta' riċerka, fl-iżvilupp teknoloġiku, fi programmi ta' innovazzjoni jew infrastruttura f'ambjent Ewropew jew internazzjonali, fil-qasam tal-SNS jew qasam relatat.
- *Ħiliet u esperjenza speċjalizzati:*
 - Komprensjoni tat-teknoloġija, l-applikazzjonijiet kif ukoll ix-xenarju industrijali rilevanti għall-qasam tal-SNS JU, inklużi kwistjonijiet strateġiċi, regolatorji u ta' politika, fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali.
 - Esperjenza fl-implimentazzjoni u fil-ġestjoni ta' Sistemi ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità u ta' Kontroll kif ukoll ta' metodoloġiji ta' ġestjoni tar-riskju.
 - Għarfien tal-Istituzzjonijiet Ewropej, tat-tħaddim u tal-interazzjoni tagħhom kif ukoll tal-politiki tal-UE.
- *Kwalitajiet personali:*
 - Ħila ta' komunikazzjoni mexxejja u effettiva mal-partijiet ikkonċernati interni u esterni, inkluż il-pubbliku u li jiġu żviluppati relazzjonijiet ta' ħidma effettivi mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u r-rappreżentanza tal-Impriża Konġunta SNS f'fora internazzjonali.
 - Ħiliet eċċellenti fin-negozjati.

Kundizzjonijiet essenzjali (ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà)

Il-kandidati se jiġu kkunsidrati biss għall-fażi tal-għażla abbażi tar-rekwiżiti formali li ġejjin, li jridu jiġu ssodisfati **sal-iskadenza għall-applikazzjonijiet:**

- *Nazzjonalità:* il-kandidati jridu jkunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

- *Lawrja jew diploma universitarja*: il-kandidati jrid ikollhom:
 - livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma u ċertifikati b'diploma, meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' (4) snin jew aktar;
 - jew inkella livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ċertifikati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena (1) meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun tal-inqas tliet (3) snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza professjonali postgradwatorja meħtieġa hawn taħt).
- *Esperjenza professjonali*: il-kandidati jrid ikollhom mill-inqas 15-il sena esperjenza professjonali postgradwatorja ⁽²⁾ flivell li għalih jagħtu aċċess il-kwalifiki msemija hawn fuq. Mill-inqas ħames (5) snin minn din l-esperjenza professjonali trid tkun fil-qasam tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta.
- *Esperjenza manġerjali*: mill-anqas ħames snin mill-esperjenza professjonali postgradwatorja jridu jkunu nkisbu f'funzjoni manġerjali ta' livell għoli ⁽³⁾ f'qasam li huwa rilevanti għal din il-kariga.
- *Lingwi*: il-kandidati jrid ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁴⁾ u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra minn dawn il-lingwi uffiċjali. Waqt l-intervista/i, il-bordijiet tas-selezzjoni se jivverifikaw jekk il-kandidati jikkonformawx mar-rekwiżit ta' għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE. Dan jista' jinkludi li l-intervista, jew parti minnha, issir f'din il-lingwa l-oħra.
- *Età massima*: il-kandidati jridu jkunu jistgħu jlestu l-mandat sħiħ ta' erba' snin qabel ma jilħqu l-età tal-irtirar, mill-mument tal-għeluq tal-applikazzjoni. Fil-każ tal-persunal temporanju tal-Unjoni Ewropea, l-età tal-irtirar hija definita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tagħlaq 66 sena (ara l-Artikolu 47 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea ⁽⁵⁾).

Għażla u ħatra

L-għażla u l-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta SNS se jsegwu l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta, b'mod partikolari, dawk stabbiliti fl-Artikolu 18 ("Ħatra, tkeċċija u estensjoni tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv").

Id-Direttur Eżekuttiv għandu/għandha jinħatar/tinħatar mill-Bord tat-Tmexxija abbażi tal-mertu u l-ħiliet, mil-lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni. Il-proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti tirrispetta l-prinċipju tal-bilanċ bejn il-ġeneri.

Sabiex tistabbilixxi din il-lista ristretta, il-Kummissjoni Ewropea torganizza għażla skont il-proċeduri tal-għażla u tar-reklutaġġ tagħha (ara d-Dokument dwar il-Politika dwar Uffiċjali Għolja ⁽⁶⁾).

Bħala parti minn din il-proċedura tal-għażla, il-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi bord tal-preselezzjoni. Dan il-bord janalizza l-applikazzjonijiet kollha, jipproċedi bl-ewwel verifika tal-eliġibbiltà u jidentifika l-kandidati li jkollhom l-aħjar profil fid-dawl tal-kriterji tal-għażla msemija hawn fuq, u li jkunu jistgħu jiġu mistiedna għal intervista mal-bord tal-preselezzjoni. Dan il-bord ta' preselezzjoni se jinkludi rappreżentant maħtur mill-membri għajr l-Unjoni tal-impriża konġunta kif ukoll osservatur wieħed maħtur mill-Bord ta' Tmexxija.

B'segwitu ta' dawn l-intervisti, il-bord tal-preselezzjoni jfassal il-konklużjonijiet tiegħu u jipproponi lista ta' kandidati għal intervisti oħra mal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Ħatriet (CCA, Consultative Committee on Appointments) tal-Kummissjoni Ewropea. Is-CCA, filwaqt li jqis il-konklużjonijiet tal-bord tal-preselezzjoni, jiddeċiedi dwar il-kandidati li għandhom jiġu mistiedna għal intervista.

⁽²⁾ L-esperjenza professjonali titqies biss jekk tkun tirrappreżenta relazzjoni ta' ħidma konkreta li tkun definita bħala ħidma reali u ġenwina, bi ħlas u bħala impjegat (kull tip ta' kuntratt) jew fornitur ta' servizz. L-attivitajiet professjonali li jkunu saru fuq bażi part-time għandhom jiġu kkalkulati pro rata, abbażi tal-perċentwal iċċertifikat ta' sigħat full-time li jkunu nħadmu. Il-leave tal-maternità/parentali/għall-adozzjoni jitqies jekk ikun fil-qafas ta' kuntratt ta' xogħol. Id-dottorati (PhD) jitqiesu bħala esperjenza professjonali, anki meta mhux bi ħlas, iżda għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin, dment li d-dottorat (PhD) ikun tlesta b'suċċess. Perjodu partikolari jista' jingħadd darba biss.

⁽³⁾ Għas-snin kollha li matulhom tkun inkisbet l-esperjenza manġerjali, jenħtieġ li l-kandidati, fil-*curriculum vitae* tagħhom, jindikaw b'mod ċar: (1) il-kariga u r-rwol tal-pożizzjonijiet manġerjali li kellhom; (2) l-għadd ta' persunal taħt ir-responsabbiltà tagħhom f'dawn il-pożizzjonijiet; (3) id-daqs tal-baġits ġestiti; (4) l-għadd ta' livelli ġerarkiċi superjuri u inferjuri; kif ukoll (5) l-għadd ta' kollegi fl-istess livell.

⁽⁴⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01958R0001-20130701>

⁽⁵⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140701>

⁽⁶⁾ https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/compilation-of-the-senior-official-policy-at-the-european-commission_en.pdf (teżisti biss bl-Ingliż)

Il-kandidati li jkunu msejħa għal intervista mas-CCA jipparteċipaw għal ġurnata sħiħa f'ċentru ta' evalwazzjoni immexxi minn konsulenti tar-reklutaġġ esterni li jevalwaw il-ħiliet ta' ġestjoni. Filwaqt li jqis ir-riżultati tal-intervista u r-rapport taċ-ċentru ta' evalwazzjoni, is-CCA jistabbilixxi lista ristretta ta' kandidati li jikkunsidra adatti biex jeżerċitaw il-funzjoni ta' Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta.

Il-kandidati fuq il-lista ristretta tas-CCA jiġu intervistati mill-Membri/i tal-Kummissjoni responsabbli għad-Direttorat Ġenerali inkarigat/i mir-relazzjonijiet mal-Impriża Konġunta ⁽⁷⁾.

Wara dawn l-intervisti, il-Kummissjoni Ewropea tadotta lista ristretta tal-kandidati l-aktar xierqa, li tiġi kkomunikata lill-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta. Dan tal-aħħar jista' jiddeċiedi li jintervista l-kandidati qabel jaħtar id-Direttur Eżekuttiv minn fost il-kandidati fuq il-lista ristretta tal-Kummissjoni. L-inklużjoni fuq il-lista ristretta ma tiggarrantixx il-ħatra.

Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu iktar intervisti u/jew testijiet minbarra dawk indikati hawn fuq. Jistgħu jkunu meħtieġa wkoll li jagħmlu dikjarazzjoni quddiem il-kumitat(i) rilevanti tal-Parlament Ewropew.

Opportunitajiet indaqs

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Impriża Konġunta japplikaw politika ta' opportunitajiet indaqs u ta' nondiskriminazzjoni skont l-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal ⁽⁸⁾.

Kundizzjonijiet tal-impjieg

Is-salarji u l-kundizzjonijiet ta' impjieg huma stipulati fil-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra.

Il-kandidat li jirnexxi jiġi impjegat mill-Impriża Konġunta bħala Aġent Temporanju fil-grad ta' AD 14. Il-kandidat(a) li j/tintgħażel j/tiġi kklassifikat(a) skont it-tul ta' żmien tal-esperjenza professjonali preċedenti tiegħu/tagħha fl-iskala 1 jew fl-iskala 2 ta' dak il-grad.

Jinħatar/tinħatar għal mandat inizjali ta' erba' snin, bil-possibbiltà ta' estensjoni ta' darba, għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin.

L-applikanti jenħtieġ li jinnotaw ir-rekwiżit li jwettqu b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur, skont il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra applikabbli għall-persunal il-ġdid kollu.

Il-post tal-impjieg huwa Brussell, il-Belġju, fejn hi bbażata l-Impriża Konġunta.

Indipendenza u dikjarazzjoni tal-interessi

Qabel jibda/tibda jaqdi/taqdi dmirijietu/dmirijietha, id-Direttur Eżekuttiv jintalab/tintalab jagħmel dikjarazzjoni ta' impenn li jaġixxi/taġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u li jiddikjara/tiddikjara kull interess li jista' jitqies bħala li jippreġudika l-indipendenza tiegħu/tagħha.

Proċedura tal-applikazzjoni

Qabel tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, jenħtieġ li tivverifika b'attenzjoni jekk tissodisfax ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà kollha (il-"Kundizzjonijiet essenzjali"), b'mod partikolari fir-rigward tat-tipi ta' diplomi, l-esperjenza professjonali ta' livell għoli kif ukoll il-kapaċità lingwistika meħtieġa. Jekk ma tissodisfax xi wieħed mir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà, dan ikun ifisser li se tiġi eskluż awtomatikament mill-proċedura tal-għażla.

Jekk tkun trid tapplika, trid tirreġistra permezz tal-Internet fuq is-sit web li ġej u ssegwi l-istruzzjonijiet li jirrigwardaw id-diversi stadji tal-proċedura:

<https://ec.europa.eu/dgs/human-resources/seniormanagementvacancies/>

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan se jintuża biex tiġi kkonfermata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex jibqa' jsir kuntatt miegħek waqt l-istadji differenti tal-proċedura. Għaldaqstant nitolbuk iżżomm lill-Kummissjoni Ewropea informata bi kwalunkwe bidla fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħek.

Biex timla l-applikazzjoni tiegħek, trid ittella' CV f'format ta' PDF, preferibbilment fil-format tal-Europass CV ⁽⁹⁾ u trid tikteb ittra ta' motivazzjoni online (massimu ta' 8 000 karattru). Is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni tiegħek jistgħu jintbagħtu bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽⁷⁾ Sakemm il-Membri tal-Kummissjoni kkonċernat, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2007 (PV(2007) 1811 u t-30 ta' Settembru 2020 (PV(2020) 2351), ma jkunx iddelega dan il-kompitu.

⁽⁸⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140701>

⁽⁹⁾ Tista' ssib informazzjoni dwar kif toħloq is-CV tal-Europass tiegħek online fuq: <https://europa.eu/europass/mt/create-europass-cv>

Ladarba tkun lestejt ir-reġistrazzjoni online tiegħek, se tirċievi ittra elettronika li tikkonferma li l-applikazzjoni tiegħek ġiet irreġistrata. **Jekk ma tirċevix ittra elettronika ta' konferma, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!**

Jekk jogħġbok innota li mhuwiex possibbli li ssegwi l-progress tal-applikazzjoni tiegħek online. Il-Kummissjoni Ewropea tikkuntattja direttament rigward l-istat tal-applikazzjoni tiegħek.

Jekk tkun teħtieġ iktar informazzjoni u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi jekk jogħġbok ibgħat ittra elettronika lil: HR-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu

Data tal-għeluq

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hija **t-18 ta' Lulju 2022, 12.00 nofsinhar ħin ta' Brussell**, u wara din id-data ma jkunx iktar possibbli li tirreġistra.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li timla r-reġistrazzjoni online fil-ħin. Nagħtuk parir li ma tħallix għall-aħħar jiem biex tapplika, minħabba li traffiku tal-Internet qawwi jew xi problema fil-konnessjoni tal-Internet tiegħek jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni online tiegħek ħesrem qabel ma tkun lestejtha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba jiskadi ż-żmien għas-sottomissjoni tar-reġistrazzjonijiet, l-ebda data ma tkun tista' tiddaħħal. Ir-reġistrazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Informazzjoni importanti għall-kandidati

Il-kandidati huma mfakkra li x-xogħol tal-bordijiet differenti tas-selezzjoni huwa kunfidenzjali. Il-kandidati ma jistgħux jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri individwali tagħhom u dan lanqas ma jista' jsir fisimhom minn ħaddieħor. Il-mistoqsijiet kollha għandhom jiġu indirizzati lis-segretarjat tal-bord rilevanti.

Il-protezzjoni tad-data personali

Il-Kummissjoni se tiżgura li d-data personali tal-kandidati tkun ipproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁰⁾. Dan b'mod partikolari japplika għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' tali data.

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl- Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ("eu-LISA")

Pubblikazzjoni ta' post battal għall-kariga ta' Direttur Eżekuttiv

(Aġent Temporanju — Grad AD 14)

COM/2022/20079

(2022/C 206 A/03)

Min aħna

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl- Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), li nħolqot fl-2011, hija rregolata bir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾.

L-eu-LISA hija responsabbli mit-tmexxija operattiva tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)⁽²⁾, tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)⁽³⁾ u tal-Eurodac⁽⁴⁾.

L-Aġenzija għet fdata wkoll bit-tħejjija, l-iżviluppar jew il-ġestjoni operattiva tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)⁽⁵⁾, tad-DubliNet⁽⁶⁾, tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)⁽⁷⁾, tal-implimentazzjoni ta' referenza ECRIS u l-ECRIS-TCN⁽⁸⁾, kif ukoll bl-iżviluppar ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà⁽⁹⁾ bejn sistemi tal-IT fuq skala kbira. L-Aġenzija tista' ssir responsabbli mit-tħejjija, l-iżviluppar jew it-tmexxija operattiva ta' sistemi oħra fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jekk dan ikun previst mill-atti legali rilevanti tal-Unjoni li jirregolaw dik is-sistema.

L-oġġettiv tal-eu-LISA huwa li tiżgura l-iżviluppar ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira, l-operat effettiv, sigur u kontinwu ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira; it-tmexxija effiċjenti u finanzjament responsabbli tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira; kwalità adegwament għolja tas-servizz għall-utenti tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira; kontinwità u servizz mingħajr interruzzjoni; livell għoli ta' protezzjoni tad-*data* u livell xieraq ta' sigurtà tad-*data* u tas-sigurtà fiżika.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen Tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63).

⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infurmazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadini ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (riformulat) (ĠU L 180, 29.06.2013, p.1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata *data* dwar id-dħul u l-ħruġ u *data* dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU L 222, 5.9.2003, p. 3).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1).

⁽⁹⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816, (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

Is-sede tal-Aġenzija se tkun Tallinn, fl-Estonja. Il-kompiti relatati mal-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva jitwettqu fis-sit tekniku fi Strasburgu, Franza. Sit ta' riżerva jinsab installat f'Sankt Johann im Pongau, fl-Awstrija.

L-eu-LISA hija allokata 395 membru tal-persunal u għas-sena 2022 għandha baġit ta' EUR 332,74 miljun.

X'qegħdin nipproponu

Qegħdin nipproponu l-funzjoni tad-Direttur Eżekuttiv li jmessi/tmessi l-Aġenzija, ikun/tkun ir-rappreżentant(a) legali tal-Aġenzija u jkun/tkun responsabbli mill-implimentazzjoni tal-kompiti assenjati lill-Aġenzija mir-Regolament li johlqha.

Id-Direttur Eżekuttiv se jassisti/tassisti lill-Bord tat-Tmessija u li jżommu/jżommha responsabbli. Id-Direttur Eżekuttiv jirrapporta/tirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar il-qadi ta' dmirijietu meta jiġi/tiġi mistieden/mistiedna jagħmel dan. Il-Kunsill jista' jistieden lid-Direttur Eżekuttiv jibgħat/tibgħat rapport dwar il-qadi ta' dmirijietu/dmirijietha.

Id-Direttur Eżekuttiv jmessi/tmessi u jimmaniġġja/timmaniġġja l-Aġenzija u jieħu/tieħu responsabbiltà sħiħa mill-operazzjonijiet tagħha, billi jiżgura/tiżgura li jintlaħqu l-oġġettivi tal-Aġenzija. Ir-responsabbiltajiet speċifiċi jinkludu:

- l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-Aġenzija u l-operat tal-Aġenzija;
- it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-proċeduri, tad-deċiżjonijiet, tal-istrateġiji, tal-programmi u tal-attivitajiet adottati mill-Bord tat-Tmessija, fil-limiti stabbiliti fir-Regolament li johlqha, ir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu u l-liġi tal-Unjoni applikabbli;
- it-tnejn tal-abbozz tal-baġit għas-sena ta' wara, l-abbozz tad-dikjarazzjoni tal-estimi tad-dħul u l-infiq tal-Aġenzija, u d-dokument uniku tal-programmazzjoni;
- ir-rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma, l-iżvilupp jew il-funzjonament tekniku ta' kull sistema tal-IT fuq skala kbira;
- il-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, mill-korruzzjoni u minn kwalunkwe attività illegali oħra, billi jagħmel/tagħmel kontrolli effettivi u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, billi jirkupra/tirkupra l-ammonti li tħallu bi żball u, meta dan ikun xieraq, billi jimponi/timponi penali amministrattivi u finanzjarji li jkunu effettivi, proporzjonati u dissuażivi;

X'qegħdin infittxu (il-kriterji tal-għażla)

Il-kandidati jenħtieġ li jkollhom:

- *Ħiliet fl-immaniġġjar:*
 - Rekord ippruvat ta' ġestjoni fl-livell maniġerjali b'suċċess ta' timijiet kbar u proġetti, inkluża l-kapaċità ta' tmessija, motivazzjoni u żvilupp tal-potenzjal ta' tim bi sfondi multinazzjonali u multidixiplinari; Esperjenza miksuba f'ambjent multikulturali tkun ta' vantaġġ.
 - Esperjenza fil-ġestjoni ta' riżorsi finanzjarji sinifikanti f'ambjent nazzjonali, Ewropew u/jew internazzjonali, inkluż l-ippjanar amministrattiv, baġitarju u l-kontroll intern.
- *Ħiliet u esperjenza speċjalizzati:*
 - Esperjenza ppruvata fil-qasam tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira miksuba fis-settur tal-IT jew f'setturi oħra, bħall-innovazzjoni, u miksuba f'amministrazzjoni pubblika jew settur privat nazzjonali, Ewropew jew internazzjonali, inkluż permezz ta' funzjonijiet mhux tekniċi.
 - Għarfien fil-qasam tal-protezzjoni tad-data.
 - Għarfien tajjeb tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fuq l-iskambju tal-informazzjoni u sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja jkun vantaġġ.
 - Fehim profund tal-kuntest tal-UE u tal-interazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-istituzzjonijiet tal-UE jkun ta' vantaġġ.
- *Kwalitajiet personali:*
 - Kapaċitajiet interpersonali, analitiċi, ta' teħid ta' deċiżjonijiet, ħiliet organizzattivi u ta' negozjar eċċellenti.
 - Il-kapaċità li jikkomunika/tikkomunika b'mod mexxej u effiċjenti u jibni/tibni relazzjonijiet ta' ħidma tajbin mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u ma' diversi partijiet ikkonċernati esterni, kif ukoll li jirrappreżenta/tirrappreżenta l-aġenzija f'fora internazzjonali.

Kundizzjonijiet essenzzjali (ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà)

Il-kandidati se jiġu kkunsidrati biss għall-fażi tal-għażla abbażi tar-rekwiżiti formali li ġejjin, li jridu jiġu ssodisfati **sal-iskadenza għall-applikazzjonijiet**:

- *Nazzjonalità*: il-kandidati jridu jkunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
- *Lawrja jew diploma universitarja*: il-kandidati jrid ikollhom:
 - livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma u ċertifikati b'diploma, meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' (4) snin jew aktar;
 - jew inkella livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ċertifikati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena (1) meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun tal-inqas tliet (3) snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza professjonali postgradwatorja meħtieġa hawn taħt).
- *Esperjenza professjonali*: il-kandidati jrid ikollhom mill-inqas 15-il sena esperjenza professjonali postgradwatorja ⁽¹⁰⁾ flivell li jagħtu aċċess għalih il-kwalifiki msemija hawn fuq. Mill-inqas ħames (5) snin minn din l-esperjenza professjonali trid tkun fil-qasam tal-attivitàjiet tal-Aġenzija.
- *Esperjenza maniġerjali*: mill-anqas ħames snin mill-esperjenza professjonali postgradwatorja jridu jkunu nkisbu f'funzjoni maniġerjali ta' livell għoli ⁽¹¹⁾ f'qasam rilevanti għal din il-kariga.
- *Lingwi*: il-kandidati jrid ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽¹²⁾ u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra minn dawn il-lingwi uffiċjali. Waqt l-intervista/i, il-bordijiet tas-selezzjoni se jivverifikaw jekk il-kandidati jikkonformawx mar-rekwiżit ta' għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE. Dan jista' jinkludi li l-intervista, jew parti minnha, issir f'din il-lingwa l-oħra.
- *Età massima*: il-kandidati jridu jkunu jistgħu jlestu l-mandat kollu ta' ħames (5) snin qabel ma jilhqqu l-età tal-irtirar, mill-mument tal-għeluq tal-applikazzjoni. Fil-każ tal-persunal temporanju tal-Unjoni Ewropea, l-età tal-irtirar hija definita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tagħlaq 66 sena (ara l-Artikolu 47 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieġ applikabbli għall-Aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea ⁽¹³⁾).

Għażla u ħatra

Id-Direttur Eżekuttiv jinħatar mill-Bord Amministrattiv tal-eu-LISA abbażi ta' lista mqassra ta' kandidati mħejjija mill-Kummissjoni Ewropea.

Sabiex tistabbilixxi din il-lista ristretta, il-Kummissjoni Ewropea torganizza selezzjoni skont il-proċeduri tal-għażla u tar-reklutaġġ tagħha (ara d-Dokument dwar il-Politika dwar Uffiċjali Għolja ⁽¹⁴⁾).

Bħala parti minn din il-proċedura tal-għażla, il-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi bord tal-preselezzjoni. Dan il-bord janalizza l-applikazzjonijiet kollha, jipproċedi bl-ewwel verifika tal-eliġibbiltà u jidentifika l-kandidati li jkollhom l-aħjar profil fid-dawl tal-kriterji tal-għażla msemija hawn fuq, u li jkunu jistgħu jiġu mistiedna għal intervista mal-bord tal-preselezzjoni.

B'segwitu ta' dawn l-intervisti, il-bord tal-preselezzjoni jfassal il-konklużjonijiet tiegħu u jipproponi lista ta' kandidati għal intervisti oħra mal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Ħatriet (CCA, Consultative Committee on Appointments) tal-Kummissjoni Ewropea. Is-CCA, filwaqt li jqis il-konklużjonijiet tal-bord tal-preselezzjoni, jiddeċiedi dwar il-kandidati li għandhom jiġu mistiedna għal intervista.

⁽¹⁰⁾ L-esperjenza professjonali titqies biss jekk tkun tirrappreżenta relazzjoni ta' ħidma konkreta li tkun definita bħala ħidma reali u ġenwina, bi ħlas u bħala impjegat (kull tip ta' kuntratt) jew fornitur ta' servizz. L-attivitàjiet professjonali li jkunu saru fuq bażi part-time għandhom jiġu kkalkulati pro rata, abbażi tal-perċentwal iċċertifikat ta' sigħat full-time li jkunu nħadmu. Il-leave tal-maternità/parentali/għall-adozzjoni jitqies jekk ikun fil-qafas ta' kuntratt ta' xogħol. Id-dottorati (PhD) huma assimilati mal-esperjenza professjonali, anki meta mhux bi ħlas, iżda għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet (3) snin, dment li d-dottorat ikun tlesta b'suċċess. Perjodu partikolari jista' jingħadd darba biss.

⁽¹¹⁾ Għas-snin kollha li matulhom tkun inkisbet l-esperjenza maniġerjali, jenħtieġ li l-kandidati, fil-curriculum vitae tagħhom, jindikaw b'mod ċar: (1) il-kariga u r-rwol tal-pożizzjonijiet maniġerjali li kellhom; (2) l-għadd ta' persunal taħt ir-responsabbiltà tagħhom f'dawn il-pożizzjonijiet; (3) il-kobor tal-baġits ġestiti; (4) l-għadd ta' livelli ġerarkiċi superjuri u inferjuri; kif ukoll (5) l-għadd ta' kollegi fl-istess livell.

⁽¹²⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01958R0001-20130701>

⁽¹³⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140701>

⁽¹⁴⁾ https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/compilation-of-the-senior-official-policy-at-the-european-commission_en.pdf (jeżisti biss bl-Ingliż).

Il-kandidati li jkunu msejħa għal intervista mas-CCA jipparteċipaw għal ġurnata sħiħa f'ċentru ta' evalwazzjoni immexxi minn konsulenti tar-reklutaġġ esterni li jevalwaw il-ħiliet ta' ġestjoni. Abbażi tar-riżultati tal-intervista u r-rapport ta' ċentru ta' evalwazzjoni, il-KKĦ jistabbilixxi lista preliminari tal-kandidati li jikkunsidra xierqa biex jaqdu l-funzjonijiet ta' Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA.

Il-kandidati fuq il-lista qasira tas-CCA jiġu intervistati mill-Membri/i tal-Kummissjoni responsabbli għad-Direttorat Ġenerali inkarigat mir-relazzjonijiet mal-Aġenzija ⁽¹⁵⁾.

Wara dawn l-intervisti, il-Kummissjoni Ewropea tadotta lista mqassra ta' mill-anqas tliet kandidati, li tiġi kkomunikata lill-Bord Amministrattiv tal-eu-LISA. Dan tal-aħħar jista' jiddeċiedi li jintervista l-kandidati qabel jaħtar id-Direttur Eżekuttiv minn fost il-kandidati fuq il-lista ristretta tal-Kummissjoni. L-inklużjoni fuq il-lista ristretta ma tiggarantixxi il-ħatra.

Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu iktar intervisti u/jew testijiet minbarra dawk indikati hawn fuq. Se jkunu meħtieġa wkoll li jagħmlu dikjarazzjoni quddiem il-kumitat/kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew.

Jenħtieġ li l-kandidat li jintgħażel ikollu ċertifikat validu ta' approvazzjoni tas-sigurtà mingħand l-awtorità tas-sigurtà nazzjonali tiegħu, jew ikun f'pożizzjoni li jkiseb wieħed. Approvazzjoni tas-sigurtà personali hija deċiżjoni amministrattiva wara proċess ta' investigazzjoni tas-sigurtà mwettaq mill-awtorità nazzjonali kompetenti tas-sigurtà tal-individwu, skont il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali applikabbli tas-sigurtà, u li tiċċertifika li individwu jkun jista' jingħata aċċess għal informazzjoni klassifikata sa livell speċifikat. (Kun af li jista' jingħata bidu għall-proċedura meħtieġa biex tinkiseb approvazzjoni tas-sigurtà biss wara li ssir talba mill-impjegatur, u mhux mill-kandidat individwali).

Sakemm tingħata l-approvazzjoni tas-sigurtà tal-persunal mill-Istat Membru kkonċernat u titlesta l-proċedura ta' approvazzjoni flimkien mal-briefing obligatorju legalment mid-Direttorat tas-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea, il-kandidat mhux se jkun jista' jaċċessa l-Infommazzjoni Klassifikata tal-UE (IKUE) fil-livell ta' CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla minnu, u lanqas ma jkun jista' jattendi laqgħat li fihom tali IKUE tkun qed tiġi diskussa.

Opportunitajiet indaqs

Il-Kummissjoni Ewropea u l-eu-LISA japplikaw politika ta' opportunitajiet indaqs u ta' nondiskriminazzjoni f'konformità mal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal ⁽¹⁶⁾.

Kondizzjonijiet tal-impjieg

Is-salarji u l-kundizzjonijiet ta' impjieg huma stipulati fil-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra.

Il-kandidat magħżul jiġi impjegat mill-Bord Maniġerjali tal-Aġenzija bħala Aġent Temporanju fil-grad ta' AD 14 ⁽¹⁷⁾. Il-kandidat jiġi kklassifikat skont it-tul tal-esperjenza professjonali preċedenti tiegħu fil-pass 1 jew il-pass 2 f'dan il-grad.

Il-kandidat se jiġi maħtur għal mandat inizjali ta' 5 snin, li possibbilment jista' jiġi estiż għal mhux aktar minn 5 snin f'konformità mar-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija kif applikabbli fiż-żmien tal-ħatra.

L-applikanti jenħtieġ li jieħdu nota tar-rekwiżiti li dwar it-tweġtq b'suċċess ta' perjodu ta' prova ta' disa' xhur, skont il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra applikabbli għall-persunal il-ġdid kollu.

Il-post tal-impjieg huwa Tallinn, l-Estonja, is-sede tal-Aġenzija.

Il-kariga hija disponibbli mill-1 ta' Novembru 2022.

Indipendenza u dikjarazzjoni tal-interessi

Qabel jibda jaqdi dmirijietu, id-Direttur Eżekuttiv jintalab jagħmel dikjarazzjoni ta' impenn li jaġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u li jiddikjara kull interess li jista' jitqies bħala li jippreġudika l-indipendenza tiegħu.

Proċedura tal-applikazzjoni

Qabel tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, jenħtieġ li tivverifika b'attenzjoni jekk tissodisfax ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà kollha (il-"Kundizzjonijiet essenzjali"), b'mod partikolari fir-rigward tat-tipi ta' diplomi, l-esperjenza professjonali ta' livell għoli kif ukoll il-kapaċità lingwistika meħtieġa. Jekk ma tissodisfax xi wieħed mir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà, dan ikun ifisser li se tiġi eskluż awtomatikament mill-proċedura tal-għażla.

⁽¹⁵⁾ Sakemm il-Membri tal-Kummissjoni kkonċernat, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2007 (PV(2007 1811) u tat-30 ta' Settembru 2020 (PV(2020) 2351), ma jkunx iddelega dan il-kompitu.

⁽¹⁶⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140701>

⁽¹⁷⁾ Il-koeffiċjent ta' korrezzjoni applikabbli għar-remunerazzjoni u għall-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea għall-Estonja huwa stabbilit għal 86,3 % mill-1 ta' Lulju 2021. Dan il-koeffiċjent huwa suġġett għal revizzjoni annwali.

Jekk tkun trid tapplika, trid tirreġistra permezz tal-Internet fuq is-sit web li ġej u ssegwi l-istruzzjonijiet li jirrigwardaw id-diversi stadji tal-proċedura:

<https://ec.europa.eu/dgs/human-resources/seniormanagementvacancies/>

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan se jintuża biex tiġi kkonfermata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex jibqa' jsir kuntatt miegħek waqt l-istadji differenti tal-proċedura. Għaldaqstant nitolbuk iżżomm lill-Kummissjoni Ewropea informata bi kwalunkwe bidla fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħek.

Biex timla l-applikazzjoni tiegħek trid ittella' CV f'format PDF, preferibbilment fil-format tas-CV tal-Europass⁽¹⁸⁾, u timla ittra ta' motivazzjoni online (massimu ta' 8 000 karattru). Is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni tiegħek jistgħu jintbagħtu bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ladarba tkun lestejt ir-reġistrazzjoni online tiegħek, se tirċievi ittra elettronika li tikkonferma li l-applikazzjoni tiegħek ġiet irreġistrata. **Jekk ma tirċievi ittra elettronika ta' konferma, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!**

Jekk jogħġbok innota li mhuwiex possibbli li ssegwi l-progress tal-applikazzjoni tiegħek online. Il-Kummissjoni Ewropea tikkuntattja direttament rigward l-istat tal-applikazzjoni tiegħek.

Jekk tkun teħtieġ iktar informazzjoni u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi jekk jogħġbok ibgħat ittra elettronika lil: HR-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu

Data tal-għeluq

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hija t-**23 ta' Ġunju 2022, f'nofsinhar 12.00 ħin ta' Brussell**, u wara din id-data ma jkunx iktar possibbli li tirreġistra.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li timla r-reġistrazzjoni online fil-ħin. Nagħtuk parir li ma tħallix għall-aħħar jem biex tapplika, minħabba li traffiku tal-Internet qawwi jew xi problema fil-konnessjoni tal-Internet tiegħek jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni online tiegħek ħesrem qabel ma tkun lestejtha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba jiskadi ż-żmien għas-sottomissjoni tar-reġistrazzjonijiet, l-ebda data ma tkun tista' tiddaħħal. Ir-reġistrazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Informazzjoni importanti għall-kandidati

Il-kandidati huma mfakkra li x-xogħol tal-bordijiet differenti tas-selezzjoni huwa kunfidenzjali. Il-kandidati ma jistgħux jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri individwali tagħhom u dan lanqas ma jista' jsir fisimhom minn ħaddieħor. Il-mistoqsijiet kollha għandhom jiġu indirizzati lis-segretarjat tal-bord rilevanti.

Il-protezzjoni tad-data personali

Il-Kummissjoni se tiżgura li d-data personali tal-kandidati tkun ipproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁹⁾. Dan b'mod partikolari japplika għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' tali data.

⁽¹⁸⁾ Tista' ssib informazzjoni dwar kif toħloq is-CV tal-Europass tiegħek online fuq: <https://europa.eu/europass/mt/create-europass-cv>

⁽¹⁹⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT